**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-13 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 267/2022 JPG**
**Kawza Numru : 19**

**DF**
**Vs**
**JF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DF datat 16 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar is-27 ta' Mejju tas-sena 1978 kif jirrizulta mill-anness certifikat markat Dok A;*

*Illi l-istess partijiet isseparaw legalment minn ma xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni datat 5 ta' Dicembru tas-sena 2017 hawn anness mmarkat Dok B;*

*Illi l-istess att pubbliku gie redatt aktar minn 4 snin ilu u ghalhekk l-istess partijiet ilhom separati minn ma xulxin ghal aktar zmien minn dak li jiddetermina l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta  sabiex jkun jista jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu u inoltre z-zewg partijiet qed jghixu hajja ndipendenti minn ma xulxin;*

*Illi ma tezisti ebda problema ghal hlas ta' alimenti favur l-intimata ghal binthom;*

*Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissodisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-intimata datata 25 ta' Lulju 2022, a fol 19 illi permezz taghha ppresentat l-affidavit taghha waqt li ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduci u stiednet il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat ir-risposta tal-intimata datat 25 ta' Lulju 2022, a fol 21 li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata hadet konjizzjoni tat-talbiet tal-attur u tixtieq tippreciza illi fil-kuntratt ta' separazzjoni prezentat mill-attur ma hemm l-ebda referenza ghal 'alimenti favur l-intimata ghal bintom' kif citat fir-*rikors promotur imma hemm

*specifikat manteniment lil esponenti.*

2. *Illi l-intimat taqbel mal-bqija tal-premessi minnhu pprezentati;*

3. *Illi hija ma ghandha l-eda oggezzjoni ghal dak mitlub fir-rikors promotur tas-16 ta' Mejju 2022;*

4. *Illi l-esponenti tixtieq tirreverti ghal kunjomha xebba u cioe' B u ghaldaqstant hija umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna il-bdil ta' kunjom l-esponenti fid-digriet ta' divorzju relattiv u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dan l-aggustament necessarju.*

Rat illi l-attur iddikjara seduta stante illi ma kellux oggezzjoni illi l-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha kif ukoll illi ma kellux aktar provi x'jipproduci (vide fol 14);

Rat in-nota tal-intimata datata 9 ta' Awwissu 2022;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 20) illi l-kontendenti in segwitu taz-zwieg taghhom, il-partijtiet kellhom zewg ulied. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Dicembru 2017 fl-atti tan- Nutar Dr Fiona Zammit Armeni. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet. Di piu', uriet x-xewqa illi tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'B'.

**L-attur xehed** (vide fol 24) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Mejju 1978, liema zwieg jgib certifikat numru 990/1978 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 7 et seqq.). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni nhar il-5 ta' Dicembru 2017 (vide Dok B fol 8 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Il-Qorti rat in oltre, t-talba tal-intimata sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'B';

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 990/1978 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'Borg' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**